**MINUTI LAQGĦA NUMRU 39**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

L-Erbgħa, 6 ta' Ottubru, 2021.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum l-Erbgħa 6 ta' Awwissu 2021, fl-5:05pam ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Karl Buttigieg – Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Lorne Cremona - Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 39.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

38.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 39.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti;

39.2.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsill li l-minuti tal-laqgħa numru 38 ma laħaqx għamilhom minħabba l-volum ta' xogħol kif ukoll peress li ħabat ukoll li kien hemm il-konferenza ta' Yeri li żammitu 'l barra mill-uffiċċju għal ġimgħa. Intlaħaq qbil li l-minuti tal-laqgħat numri 38 u 39 ser jiġu ppreżentati fil-laqgħa li ġejja.

## 39.3 Komunikazzjoni tas-Sindku

39.3.1 Is-Sindku qal li l-Konferenza li saret f' Yeri, ġewwa Ċipru, bħala parti mill-Programm "EUrope Is a State of Mind" EUISM Yeri kienet success. Is-Sindku qal li



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

apprezza ħafna kemm ħdimna tajjeb ma xulxin. Radd ħajr lil kulħadd, u awgura li dan l-ispirtu jkompli wkoll fil-ħidma ġewwa l-Qala.

39.3.2 Is-Sidnku qal li Transport Malta għamlu site inspection fi Triq il-Kunċizzjoni waqt li konna msefrin, b'rabta mal-applikazzjoni tal-Kunsill biex l-istess triq issir *one way*. Bħala Kunsill tlabna li TM jiġu meta nkunu hawn. Is-Sindku żied li l-familji kollha ħlief persuna waħda qed jaqablu mal-one way kif propost.

39.3.3 Is-Sindku qal li ser tkun qiegħda tinħareġ talba għall-kwotazzjonijiet għall-armar tad-dawl tal-Milied.

39.3.4 Is-Sindku tkellem dwar il-fortizza tat-Trunċiera. Peress li l-*area* kollha ġiet reġistrata fuq kumpannija, is-Sindku talab permess mingħand Kunsill biex il-file tat-Trunċiera jingħata lil Avukat ħalli jistudjaħ, biex hekk nkunu nistgħu nagħmlu *caution.* Dan għaliex x'imkien fejn ġie irreġistrat bilfors għandu jkun hemm aċċess għall-fortizza. Il-Kunsill qabel unanimament.

39.3.5 Is-Sindku semma li l-proġett tad-dog park fi Ġnien il-Familja, ġej xogħol sabiħ. L-unika problema li ra hi li kienu ser jibdew jagħmlu *trimming* aggressiv wisq tas-siġar. Is-Sindku issuġġerixxa biex minflok, isir fencing madwar iz-zkuk tas-siġar li ġew mikxufa minn dan iż-żbir. Ser ikun hemm anke żewġ pools tal-klieb. Is-Sindku talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv biex il-kont tal-ilma ta' ġnien il-familja idur fuq il-Ministeru. Dan sar bi qbil mad-Direttur (Eco Gozo) li waqt laqgħa fuq il-post talab biex dak il-ħin stress jittieħed meter reading. Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa fuq min ser ikun qed jieħu ħsieb il-manutenzjoni tad-*dog park*? Is-Sindku wieġeb li dan ser ikun qed jieħu ħsiebu l-Ministeru għal Għawdex.

39.3.6 Dwar il-WIFI4EU; is-Sindku qal li l-Internet ser ikun imħallas mid-dipartiment. Dawl jidher ser jitħallas ukoll imma għad ma hemmx konferma. Qed isisru tentattivi mal-Ministeru tal-Enerġija biex jintervjenu huma f'din id-diffikultà. Saret site inspection fil-5 ta' Ottubru. Is-Sindku irrapporta li lbieraħ ħareġ li minn kull point irid ikun hemm 10 connections kull jum; u għalhekk issa l-Kunsill Lokali qed jistaqsi x'jiġri jekk ma jintlaħqux dan it-target number ta' connections. Ġie diskuss u ntlaħaq qbil fuq għaxar (10) postijiet fejn ser jiġu mwaħħla dan l-apparat. Is-Sur Joseph Cutajar informal ill-Kunsill li f'kull post ser ikun hemm bżonn titwaħħal kaxxa għall-apparat tad-dawl (one time cost). Dawn il-kaxxi ser iqumu madwar €400 il-waħda.

39.3.7 Is-Sindku informa ill-Kunsill li llum kellu laqgħa mal-perit, fejn ġie diskuss f'liema stadju waslu l-proġetti varji li hemm ippjanati għal madwar ir-raħal. Il-perit ġie mitlub jara x'jista' jsir fosi l-funtana ta' quddiem iċ-Ċentru Ċiviku tissewwa jsir xogħol ta' tisbiħ fil-madwar. Il-Kunsill qabel ma dan.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 39.4 Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera

39.4.1 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa fuq iz-*zebra crossing* ta' Triq l-Imġarr. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li din it-talba qiegħda quddiem il-perit, u ser ikun qiegħed jitlob li dan tal-aħħar jieħu azzjoni.

39.4.2 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa fuq in-nuqqas ta' pulizija fejn l-iskola waqt il-ħinijiet tal-ftuh/għeluq tal-istess skola. Is-Sindku semma li t-triq qiegħda tingħalaq mis-*security guards* tal-iskola.

39.4.3 Il-Kunsilier Karl Buttigieg semma li l-ħadid li hemm mar-*roundabout* Fi Triq Wied Simar għandu ħsara li ma tistax tissewwa; u li jkun tajjeb kieku nordnaw il-ħadid biex jinħadem. Il-Kunsill qabel ma dan.

39.4.4 Il-Kunsilier Karl Buttigieg semma l-qolla li kien hemm fl-istess *roundabout* ta' Triq Wied Simar. Din insterqet, u ssuġġerixxa li  nixtru waħda. Il-Kunsill qabel ma dan.

39.4.5 Il-Kunsilier Karl Buttigieg staqsa jezistix tender għal mili ta' potholes, minħabba li Triq it-Tempju u Pjazza Repubblika għandom bżonn dawra. Is-Sindku wieġeb li le, u li bħalissa anqas ma qed isibu jixtru *cold mix*. Is-Sindku informa li minħabba f'hekk qiegħed jiġbor kwotazzjonijiet biex jinxtara *compactor*.

39.4.6 Il-Kunsilier Karl Buttigieg issuġġerixxa li jsiru tabelli biex inwaħħluwom mal-*waste collection points*; Eż Triq il-Belvedere. Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Sindku ser ikun qed jordnahom mingħnd is-Sur Tony Grima.

39.4.7 Il-Kunsilier Karl Buttigieg semma l-kundizzjoni li tinsab fiha Triq Papa Piju XII. Is-Sindku qal li hemm komunikazzjoni għaddejja dwar dan. Il-Kunsilier Karl Buttigieg issuġġerixxa li jkun tajjeb jekk il-kunsill kollu jkun informat bl-isviluppi dwar dan is-suġġett.

39.4.8 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tkellmet dwar il-htieġa li jsir dawl minn fejn ir-*ready mix* tan-Najsi għal parti tal-Kunċizzjoni għax għadha mudlama. L-eżitu tal-laqgħa mal-Ministru hi li dawn isiru b'bozoz normali. Staqsiet hux ser isiru, għaliex ilha ħafna titlob għalihom. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jitlob lill-iskrivana tal-Kunsill biex titlob stima mingħand il-kuntrattur konċernat.

39.4.9 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak semmiet il-madum tal-muzajk imsemmija fil-laqgħa mal-Ministru, u qalet li importanti li niġbruhom. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qiegħed jikkomunika mal-Ministeru biex naraw meta jistgħu jinġabru.

39.4.10 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak semmiet iż-żibel li qed jitħalla mir-residenti mhux fid-dati indikati (eż, borża sewda mhux fil-ġurnata li suppost tinġabar). Ġie maqbul li jitwaħħlu tabelli u signs, u jittieħdu passi kontra min jinqabad jarmi żibel jiġi imħarrek.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

39.4.11 Valerie Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak issuġġeriet biex jekk ikun possibbli jiżdiedu d-dwal li soltu jintramaw għall-Milied, eżempju mas-siġra li hemm fir-roundabout ta' Triq Wied is-Simar.

39.4.12 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tablet biex mill-aktar fis il-kaxxa tal-parking tal-GoTo fi Pjazza Isqof M Buttigieg tinżebaħ u ssir aċċessibbli għal kull min irid jipparkja fiha.

39.4.13 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet dwar it-tabelli tal-*speed limits*. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jistaqsi dwar dan lil Transport Malta.

39.4.14 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tablet li jiġi ċċarat li fi Triq il-Forn jitħallew jitilgħu (minn fejn il-kunvent tas-Sorijiet Franġiskani) biss dawk it-trakkijiet li jkunu qed joffru servizz f'dik it-triq.

39.4.15 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tablet li ssir talba għal *one way* fi Triq 28 ta' April. Is-Sindku ssuġġerixxa li qabel namlu dan, l-ewwel naraw Triq il-Kuncizzjoni u Triq il-Forn kif se jmorru (dawn tal-aħħar għandhom applikat one way ukoll).

39.4.16 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak stqarret li tħoss li kellna laqgħa pożittiva mal-Ministru għal Għawdex, fejn iż-żewġ partijiet saħqu li għandu jkun hemm komunikazzjoni aħjar bejn bejniethom. Minħabba f'hekk Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet dwar il-għala ser issir attivita' fi Triq il-Wileg li għaliha l-Kunsill tħalla barra għal kollox?

39.4.17 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai talab li l-Kunsill javza fuq facebook meta jkun ser ikun hemm qtugħ ta' dawl u ilma fil-Qala. Is-Sindku wieġeb li, meta nkunu avżati bil-quddiem, dan diġa' qed isir.

39.4.18 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai irrimarka li qed ikun hemm hmieġ tal-klieb f'Hondoq. Ġie suġġerit li jsiru tabelli. Il-Kunsill qabel ma dan.

39.4.19 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma li qed isiru BBQs fejn il-Kappella tal-Blat. Is-Sindku qal li suppost hemm tabella, imma jekk issaddet jew inqalgħet issir oħra.

39.4.20 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma li l-Kunċizzjoni jsibuwha diffiċli biex jgħaddu minn fuq il-bankina fejn hemm il-*pots* li saru għall-*Urban Greening Project*. Is-Sindku ssuġġerixxa li naraw x'inhi l-problema u jekk hemm bzonn insibulhom x'imkien ieħor biex ma jostakolawx il-bankini.

39.4.21 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li qed ikun hemm ħafna dlam Ġnien il-Familja. Is-Sindku qal li ser ikun qed jibgħat lis-Sur Joseph Cutajar biex jara u jibdel fejn hemm il-ħtieġa.

39.4.22 Is-Sindku semma li mar mas-Sur Cutajar jara l-fanal li hemm inqaċċat fi Pjazza Isqof M Buttigieg. Dan ma jistax jitneħħa minħabba li hemm xi pajpijiet bil-wires mikxufin



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

li jitilgħu 'il fuq minn wiċċ il-bankina. Jekk jitneħħa l-fanal, allura dan isir biex jinbidel ma wieħed ġdid għaliex, jekk jitneħħa u ma jinbidilx allura jkun hemm periklu għal min ikun qed jimxi.

39.4.23 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li l-istationery shop fil-pjazza tixtieq toffri servizz ta' sub post office, imma tibza mill-burokrazija. Talbitna biex naraw x'irid isir għal sub post office. Il-Kunsill qabel dwar l-importanza li jkun hawn sub post office fir-raħal. L-iskrivana tal-Kunsill ser tkun qiegħda tikkomunika mal-Maltapost dwar dan.

39.4.24 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma li qed jiġu rrapportati każijiet ta' *white flies* fil-pjazza. Il-Viċi Sindku semma li sar rapport mill-awtoritajiet fejn dawn urew il-fehma li jsir zbir u bexx bħala trattament. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku taw aġġornament dwar x'qed isir fuq dan is-suġġett. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa jistgħux isir trimming darbtejn (flok darba) f'sena. L- Aġent Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għandna permess għal sena, allura dan jista jsir jekk il-Kunsill jaqbel li nagħmlu trimming għal izjed drabi f'sena.

39.4.25 Il-Kunsilier Karl Buttigieg ippropona li jitwaħħal *bin* għall-ħmieġ tal-Klieb fi Triq il-Wileg. L-Aġent Segretarju Eħekuttiv u s-Sindku qalu li dak il-post diġa hemm bin ta' dak it-tip.

## 39.5 Laqgħa mal-Ministru għal Għawdex

39.5.1 Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' rendikont fil-qosor dwar il-laqgħa li saret mal-Onor. Ministru għal Għawdex, u li minnħa l-Ministeru aċċetta li jħallas għall-gandott biex saru l-*high tension cables*. Talab permess lill-Kunsill biex jiġi ffirmat l-*addendum* tal-Kuntratt mal-Ministeru, li jirrifletti dan kollu. Il-Kunsill qabel ma dan.

39.5.2 In vista ta' minuta numru 39.5.1 (hawn fuq), is-Sindku u l-Kunsill iffirmaw dan l-Addendum għal xogħolijiet fi Triq il-Kunċizzjoni dak il-ħin fil-preżenza tal-Kunsilliera.

## 39.6 Esibizzjoni *on the road* organizzata mid-Direttorat tal-Kultura

39.6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informal ill-Kunsill dwar laqgħa li kellu f'Awwissu mad-Direttur tal-Kultura s-Sur John Xuereb, dwar esibizzjoni li qed jippjanaw għas-sena 2022. Kull Kunsill Lokali ser ikollu xahar allokat għalih, li f'dan ix-xahar il-Ministeru jinstallawlu (televiżjoni/pannelli televiżivi) f'post magħżul mill-Kunsill stess, u li fuqu jintwerew ritratti tal-lokalità u ta' Għawdex in ġenerali. L-iskop ta' din l-Esibizzjoni hu li sservi ta' vetrina biex turi lit-turisti x'għanda x'toffri l-gżira Għawdxija.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

39.6.2 Il-Kunsill qabel li jipproponi li dawn il-pannelli jkunu l-Qala matul ix-xahar ta' Ġunju. Dan għaliex f'Ġunju hi mistennija li ssir il-Konferenza tal-Għeluq tal-EUISM ġewwa l-Qala stess.

39.6.3 Il-Kunsill qabel ukoll li nitolbu permess lill-Arċipriet biex, dejjem jekk taqbel il-Parroċċa, dawn il-pannelli jitpoġġew maġemb il-Knisja Arċipretali, fejn fl-imgħoddi kien hemm l-istatwa tal-Isqof Mikiel Buttigieg.

39.6.4 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li s-Sur Xuereb ma taħx limitu ta' ritratti li jistgħu isiru għal din il-wirja, peress li ser ikollha format diġitali. Il-Kunsill semma is-segwenti postijiet bħala "shortlist" ta postijiet li nistgħu nipprovdu ritratti tagħhom:

- ✓ Trunciera Ras il-Qala;
- ✓ Hondoq ir-Rummient;
- ✓ Ġebla l-Wieqfa;
- ✓ Il-Belvedere;
- ✓ Knisja Arċipretali;
- ✓ Santwarju tal-Immakulata Kunċizzjoni;
- ✓ Ġebla tal-Halfa;
- ✓ Ta' Bumbarin;
- ✓ Taċ-Ċawl;
- ✓ Mitħna ta' Randu;
- ✓ Il-Forn tal-Mulejja;
- ✓ Xogħol ta' Bizzilla

39.6.5 Il-Kunsilliera ġew mistiedna jagħmlu *brainstorming* u fil-laqgħa li jmiss jipproponu aktar lokalitajiet biex jiżdiedu ma din il-lista.

## 39.7Aġġornament fuq il-Konferenza EUISM ta' Porto

39.7.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li l-Air Tickets mal-Kumpannija tal-ajru Ryanair jiswew EUR 145 kull persuna. Dawn (Ryanair) ma jagħtux refunds għal tickets imħassra, imma jista' jsir bdil fid-dati (against payment). Rifużjoni tingħata biss jekk titjira titħassar mill-kumpannija tal-ajru. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li r-Ryanair biss toffri titjiriet diretti lejn Porto, u li l-għażliet l-oħra kollha jinvolvu stopover fi bliet oħra. Minħabba f'hekk il-prezz jogħla ħafna, u jiżdied ir-riskju ta' kumplikazzjonijiet minħabba delays u bagalji li jistgħu jintilfu. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv talab direzzjoni lill-Kunsill dwar għal liema għażla mmorru. Il-Kunsill qabel li għadna mmorru bir-Ryanair.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

39.7.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill bid-diskussjonijiet li qed isiru bejnu, is-Sur Paul Fenech u r-rappreżentanti tal-NGO li ser tkun qiegħda tospita din il-konferenza ġewwa Porto. Il-Kunsilliera ġew ukoll mogħtija abbozz tal-programm li għadu *draft.*

39.7.3 Il-Kunsilliera ġew mgħarrfa li għandu mnejn, bejn din il-laqgħa u l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss, tissejjaħ laqgħa mas-Sur Paul Fenech biex niftiehmu dwar ir-responsbilitajiet ta' kull Kunsillier. Ir-raġuni li ma nistennewx laqgħa uffiċjali hi ħalli r-responsabilitajiet ma jitqassmux "close" wisq tal-Konferenza. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 39.8 Korrispondenzi

39.8.1 Ġiet diskussa email mingħand is-Sur Robert Tabone fejn talab laqgħa mal-Kunsilliera. Din il-laqgħa diġa saret.

39.8.2 Email mingħand Andrea Britton fejn intalab permess għal attivita' "A boutique Mediterranean festival experience on the Maltese island of Gozo" bejn it-22 u t-23 Ottubru 2022. Il-Kunsill offra niltaqgħu mas-Sa Britton, peress li waqt li l-Kunsilliera jaqblu "on principle" ma din l-attivita', għad ma għandniex biżżejjed dettalji.

39.8.3 Ġiet trattata email mingħand ir-Reġjun Għawdex u l-AKL dwar il-President's solidarity fun run li hi skedata għall-14 ta' Novembru 2021. Minħabba l-imxija tal-COVID-19 din il-ġirja mhux se ssir f'post wieħed bħal ma jsir is-soltu, iżda minflok kull raħal ser ikun mistieden jorganizza mixja/ġirja ta' 3km madwar il-lokal. Il-Kunsill Lokali ppropona rotta għal din l-attivita'.

39.8.4 Email ilment mingħand is-Sur Charles Bezzina, li fiha rrapporta kif ommu ġiet ittrattata ħażin fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien. Peress li dan l-inċident jinvolvi terzi persuni u mhux propjeta' pubblika, il-Kunsill ma jistax jidħol fuq din il-ħaġa.

39.8.5 Email mingħand Transport Malta fejn il-Kunsill intalab direzzjoni dwar kwistjoni li nqalgħet dwar *double yellow line* ġewwa sqaq fi Triq il-Wardija. Billi jidher li l-kwistjoni ġiet riżolta bejn il-ġirien, il-Kunsill hu tal-parir li ma jsirux tibdiliet mid-*double yellow lines* kif miżbugħa fil-preżent.

39.8.6 Email mingħand id-Dipartiment Anzjanita' attiva u kura fil-Komunita' dwar servizzi li joffru għall-anzjani u għal min idur bihom. Il-Kunsill qabel li nistiednu lid-dipartiment jibgħat rappreżentanti tiegħu, u meta jkollna data ninfurmaw lill-pubbliku biex jiġu in-nies.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

39.8.7 Ċirkulari mill-AKL dwar ftiehim li sar mad-Dipartiment tax-Xogħolijiet biex dawn ikunu jistgħu jagħmlu xogħol fil-*workshops* tagħhom għall-Kunsilli Lokali. Il-Kunsilli jkunu jridu jħallsu għall-materjal, waqt li x-xogħol tal-idejn jiġi b'xejn.

39.8.8 Talba mingħand is-Sur Manuel Mizzi f'isem Għaqda armar San Ġużepp biex jisselfu l-barriers tal-Kunsill għal attivita' li qed jorganizzaw mal-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsillieri Valerie Cassar Mejlak u Karl Buttigieg esprimew id-dispjaċir li l-Kunsill ma ġiex infurmat b'din l-attivita' qabel, u li l-Kunsill kellu jsir jaf wara li saru xi *posts* fuq il-media soċjali. Il-Kunsill qabel li nagħtuhom il-barriers. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv intalab jikkorrispondi ma din l-għaqda biex għal darb' oħra l-Kunsill jiġi infurmat minn qabel.

## 39.9 Materji oħrajn u Mozzjonijiet

39.9.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informal ill-Kunsil li hu ltaqa' mas-Sur Paul Debattista, li kellu l-bar fi Ġnien il-Familja. Is-Sur Debattista ingħata kopja tal-kontijiet u tal-*workings* li wasslu għat-talba tal-Kunsill, u qabel li ssir laqgħa oħra fix-xahar ta' Ottubru.

39.9.2 L-Awtorita' tal-Artijiet bagħtet email biex isir it-tiġdid tal-kuntratt ta' kera taċ-Ċentru Ċiviku, b'effett mill-05/06/2019. Dan il-Kuntratt ikun validu għal ħames snin minn dik id-data, u intalbu €4,900 *per annum*. Peress li qabel il-Kunsill kien iħallas in-nofs tal-ammont mitlub (€2,329 p.a), ġie imqabbad il-perit tal-Kunsill biex jagħtina valutazzjoni ta' kemm hi ir-rata kummerċjali għal kera ta' propjeta' bħal din.

39.9.3 Ġew trattati tliet stimi għal ġeneratur tad-dawl. Il-Kunsill qabel li jaċċetta l-istima ta' Dominic Departmnt Stores għaliex il-mudell offrut minnu jiġġenera iktar saħħa ta' dawl u għalhekk, għalkemm ma kienx l-irħas stima, dan il-prodott joffri l-ikbar *value for money*.

39.9.4 Il-Kunsill approva li jinħareġ tender  għal "Civil Works" li jinvolvi xogħol ta' titjib fuq ir-roundabouts u xogħol ta' cement fi ġnien Maġistrat Salvu Attard.

39.9.5 Ġiet diskussa l-applikazzjoni għal Skema maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għal finanzjament tal-attivitajiet tal-Milied. Il-Kunsill qabel unanimament li għanda ssir din l-applikazzjoni.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 39.10 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

39.10.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fil-18:55. Intlaħaq qbil li fuq *tentative date* għal laqgħa li jmiss biex issir nhar l-Erbgħa 20 ta' Ottubru 2021 fl-4:30 ta' filgħaxija.

(iffirmat)

Paul Buttigieg
Sindku

(iffirmat)

Lorne Cremona
Aġent Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt